MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1232/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited (C 8884)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm158.60c) rapprezentanti hsarat li s-socjeta' konvenuta ghamlet fuq il-*main* tad-drenagg fi Triq Selmun, Mellieha, fl-24 t'April, 2004.

Ra illi s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-17 t'Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm158.60c) bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------